ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 27/2021/09

**Data tal-laqgħa:** 23 ta' Marzu, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, u permezz ta' Zoom Meeting fl-15:45hrs.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

27.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 25

27.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 25 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier Cody Galea, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 27.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 26 (B'Urġenza)

27.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 26 (b'urġenza) li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Terence Agius, li kienet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 27.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

27.4.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li fir-rigward ta' Ċirkulari Nru. *SPI*/SCI/3/2021 dwar Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill kien ser ikompli bl-applikazzjonijiet għall-Irkottafest u għall-Gigantic – Kirkop's Local Christmas Market.

27.4.1.1 Is-Sindku spjega li minn kif jidher din is-sena mhux ser ikun possibbli li ssir l-Irkottafest u għaldaqstant l-applikazzjoni ser issir fuq is-sena d-dieħla.

27.4.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand il-LESA rigward Fondi għal Proġetti fil-Komunitajiet – Ġnien Rousset

27.4.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li ser imorru fi Ġnien Rousset biex jaraw x'jista' jiġi rranġat, isir pjan li jiġi diskuss mal-Perit biex tkun tista' ssir applikazzjoni biex isir tisbieħ fi Ġnien Rousset.

27.4.2.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li hu lest li jitla' ma' xi Kunsilliera ieħor u jieħu video u ritratti biex ikunu jistgħu jaħdmu fuq pjan għal din l-applikazzjoni.

27.4.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Ministeru għall-Edukazzjoni rigward Presidenti Kunsilli Skolastiċi 2021-2022.

27.4.3.1 Il-Kunsilliera kkonfermaw dak li kienu kitbu b'*email* jiġifieri li l-Kunsill għandu jinnomina lis-Sur Joseph Busuttil bħala President.

27.4.3.2 Il-Kunsillier Cody Galea baqa' barra minn din id-diskussjoni minħabba kunflitt ta' interess.

27.4.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mingħand *servizz.gov* rigward proposta għal Ċentru Reġjonali tal-Aġenzija *servizz.gov* f'Ħal Kirkop.

27.4.4.1 Is-Sindku qal li hu kien irċieva telefonata dwar dan is-servizz fejn spjegawlu li *servizz.gov* qed joffri s-servizzi kollha tal-Gvern u talbu li jkollhom uffiċċju fil-Kunsill Lokali.

27.4.4.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li l-Kunsill jixtieq li joffri dan is-servizz iżda kamra lesta m'għandniex. Għaldaqstant għandha tissejjaħ laqgħa magħhom biex naraw jekk hux lesti li jiffinanzjaw dan il-proġett u jekk ir-risposta tkun fl-affermattiv niddiskutu aktar fid-dettal.

27.4.4.3 Il-Kunsilliera ser jagħtu d-dati ta' meta jistgħu biex ikun jista' jsir appuntament għal din il-laqgħa.

27.4.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien qed jiġbor kwotazzjonijiet għall-grada tal-Kunsill. Sa issa l-Kunsill kellu biss kwotazzjoni waħda u kien qed jistenna żewġ kwotazzjonijiet oħra.

27.4.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienu qed jinġabru l-ispeċifikazzjonijiet biex dawn jgħaddu għand il-Perit biex ikun jista' jiddiskuti mal-bennej minħabba r-rinforz tax-xogħol.

27.4.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand il-Kurja ta' Malta rigward l-Arkata ta' San Ġakbu fejn dawn minn naħa tagħhom ikkonfermaw li din l-art mhux propjetà tal-Knisja.

27.4.6.1 Is-Sindku spjega li tkellem ma' persuna li missierha kien iħallas qbiela dwar din l-art. Il-persuna pprovdiet ukoll irċevuta ta' din il-qbiela.

27.4.6.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob lid-Dipartiment tal-Artijiet jikkarifika jekk l-art in kwistjoni li kienet tal-Joint Office għaddietx għand il-Lands u jekk le kif jista' jagħmel il-Kunsill biex jikseb l-informazzjoni dwar ta' min hi din l-art. Mingħajr dawn id-dettalji l-Kunsill ma jkunx jista' jkompli bix-xogħol mad-Dipartiment tar-Restawr biex isir ir-restawr ta' din l-Arkata.

27.4.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva mingħand il-Perit l-istima mitluba dwar Sqaq San Nikola liema stima kienet tammonta għal €5318.

27.4.7.1 Is-Sindku qal li f'ċerta postijiet Infrastracture Malta qed titlob lill-Kunsilli biex ix-xogħol isir minn naħa tagħhom u l-ħlas isir minn Infrastracture Malta.

27.4.7.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li tintbgħat *email* lil Infrastracture Malta fejn nitolbu biex isir dan ix-xogħol u naraw jistgħux jagħmluh huma.

27.4.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva l-pjanti mingħand il-Perit rigward struttura tal-injam fil-bitħa tal-Kunsill.

27.4.8.1 Il-Kunsilliera raw din il-pjanta u ddiskutew il-proposti tal-Perit. Huma talbu biex il-Perit jiġi mistoqsi jekk l-istruttura li tidher fuq il-pjanta fuq in-naħa ta' ġewwa tistax tikber sa quddiem il-ħġieġ tat-taraġ.

27.4.8.2 Meta l-Kunsill ikollu din ir-risposta jkun jista' jieħu deċiżjoni finali x'ser isir.

27.4.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kellu konferma mingħand il-kuntrattur li r-road hump fi Triq Dun Ġużepp Barbara kienet ser issir nhar it-Tlieta, 30 ta' Marzu, 2021.

27.4.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward Spazji fil-Lokalità għall-Installazzjoni ta' *charging pillars*.

27.4.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u ġie deċiż li l-Kunsill jipproponi żewġ postijiet biss li huma Triq San Pietru (il-parti bejn Triq l-Industrija u Triq Valletta) u Triq ir-Ramlija. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

27.4.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar *maintenance agreement* tal-PC/laptop għar-residenti fejn il-Kunsilli ġew infurmati li ma jistgħux jintefqu fondi pubbliċi għal dan il-għan.

27.4.11.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill ta' Ħal Kirkop ma kienx għamel dan il-*maintenance agreement* u għaldaqstant ma kellux problemi dwar dan.

27.4.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Direttiva 1/2021 rigward Proċedura ġdida dwar l-Ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv ma' Kunsill Lokali jew Reġjonali.

27.4.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti dwar email li l-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Aġġornar ta' Listi ta' Toroq tal-Kunsilli Lokali.

27.4.13.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li l-Kunsill ma jistax jagħti din l-informazzjoni. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lid-Dipartiment li l-Kunsill ma għandux il-mezzi esperti biex tkun tista' ssir il-verifika ta' dawn it-toroq u għaldaqstant din l-informazzjoni ma tistax tingħata.

27.4.13.2 Is-Sindku spjega wkoll dwar laqgħa li attenda fit-18 ta' Marzu fejn ġie spjegat l-andament tal-kuntratti tal-ġbir ta' skart li ser ikun qed isir mir-Reġjun. Hu qal li ser ikun hemm aktar diskussjonijiet dwar dan fil-futur.

27.4.14 F'dan il-ħin is-Sindku talab sospensjoni tal-laqgħa minħabba li kienu waslu rappreżentanti tal-grupp Tribali biex jippreżentaw il-ktieb 'Il-Ħajja u l-Istorja tal-Grupp Malti Tribali', liema ktieb inkiteb minn awtriċi minn Ħal Kirkop.

27.4.15 Apparti hekk wara din il-preżentazzjoni kellu wkoll jiġi l-Kappillan tal-Parroċċa fejn saret preżentazzjoni ta' *projectors* biex jintużaw mill-kommunità fid-Domus. Il-ħin f'dan l-istadju huwa s-18:00hrs.

27.4.16 Is-Sindku talab biex titkompla l-laqgħa. Il-ħin f'dan l-istadju huwa s-19:15hrs.

27.4.17 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Comité de Jumelage Rousset fejn irringrazzjaw lill-Kunsill għall-kotba 'Il-Milied fil-Pandemija'. Huma ħadu gost b'dawn il-kotba u faħħru din l-inizjattiva.

27.4.17.1 Is-Sindku kompla jgħid li minn naħa ta' Rousset kienu tkellmu ma' Point Jeune li minn naħa tagħhom ser ikunu qed jippreparaw preżentazzjoni u ritratti dwar Rousset, il-kultura, l-attivitajiet, il-klima u n-nies ta' dan il-villaġġ.

27.4.17.2 Minn naħa tal-Kunsill ser inkunu qed ninfurmaw lis-Sotto Kumitat bil-proposta tagħhom u lill-Iskola biex naraw jekk nistgħux nirreċiprokaw b'informazzjoni dwar il-lokalità tagħna minn naħa tat-tfal.

27.4.18 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kappillan rigward talba għall-għajnuna biex issir kalamita fuq il-knisja. L-ispiża għal dan ix-xogħol tammonta għal €10,000.

27.4.18.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jidħol għal tali spejjeż.

27.4.19 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* rigward *recycling bins* għar-rimi ta' żejt tal-ikel użat.

27.4.19.1 Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew din il-proposta u qablu li ma hemmx għalfejn isiru dawn ir-*recycling bins* għax il-Kerb Side Truck tal-WastServ joffri dan is-servizz fil-lokalità darba fix-xahar.

27.4.20 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu kien attenda għal-laqgħa dwar il-*catchments* tal-ilma f'Wied Żembaq, Wied Dalam u Wied Qoton.

27.4.20.1 Is-Sindku spjega x'intqal f'din il-laqgħa u qal li l-minuti setgħu jiġu approvati minn naħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop.

27.4.21 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li Triq l-Imdina k/m Triq San Pietru sfrundat it-triq, il-parti fejn kien sar ix-xogħol ta' GO plc.

27.4.21.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob lil Perit biex naraw x'garanzija hemm dwar ix-xogħol li sar u kif dan jista' jiġi rranġat.

27.4.22 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-bankijiet u l-*bins* li ser jeħlu fl-area tal-Uffiċċju tal-Kunsill u l-Iskola Primarja kienu waslu u ser jitwaħħlu. Hu qal li kienet saret ukoll manutenzjoni fuq l-*open library* biex din titwaħħal lura f'postha wkoll.

27.4.23 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-*cameras* ta' Triq ir-Ramlija kienu twaħħlu u kien hemm bżonn li jsir upgrade tal-kompjuter li fih is-sistemi tal-cameras.

27.4.23.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-materja u qablu li minflok isir upgrade jinxtara kompjuter ġdid li jkollu s-sistema tal-cameras fuqu, filwaqt li l-kompjuter eżistenti jibqa' jintuża biss għall-programm tal-accounts.

27.4.23.2 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jinxtara kompjuter ġdid għas-sistema tal-cameras, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

27.4.24 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li s-Segretarji Eżekuttivi kienu ser isegwu direttivi maħruġa mill-UĦM. Hu talab li jkollu aċċess bħala amministratur fuq il-paġna ta' facebook flimkien mal-Kunsilliera.

27.4.24.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u ma kienx hemm qbil li s-Sindku u l-Kunsilliera għandhom ikunu amministraturi fuq il-paġna ta' facebook.

27.4.24.2 Is-Sindku Terence Agius qal li l-punt hu li kull post dwar il-ħidma tal-Kunsill li jitla' fuq facebook għandu jkun approvat mill-maġġoranza tal-Kunsilliera u jintbgħat b'email lil kulħadd qabel dan joħroġ għal pubbliku. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

27.4.24.3 L-amministratturi tal-paġna għandhom jibqgħu l-amministrazzjoni tal-Kunsill.

27.4.25 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-20:00hrs.

## 27.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

27.5.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li hu qed iħoss li l-Kunsilliera mhux qed jiġu apprezzati. Hu jibqa' tal-idea li kull min jipproponi li jsir xi ħaġa għandu jitniżżel ismu u hekk kull ma jsir għandu jieħu l-mertu tiegħu l-Kunsillier li jkun ipproponieh.

27.5.1.1 Il-Kunsillier Cody Galea qal li dak li jsir mill-Kunsill għandu jieħu l-mertu tiegħu l-Kunsill għax kull ma jsir isir mill-Kunsill u mhux mill-individwu.

27.5.1.2 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana qalet li hi taħseb li ħafna nies huma frustati qed jitfgħu il-ħtija ta' kollox fuq il-Kunsill, anke fejn il-Kunsill ma jkollux tort u m'għandux x'jaqsam. Kulħadd għandu dritt jikkumenta imma fl-aħħar mill-aħħar mhux dejjem ikunu jafu x'qed jiġri.

27.5.1.3 Is-Sindku Terence Agius qal li għalhekk għandna bżonn inżommu n-nies infurmati aktar b'dak kollu li jkun qed jagħmel il-Kunsill.

27.5.1.4 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li dawn in-nies li jikkumentaw ħażin mhux veru għax iħobbu r-raħal.

27.5.1.5 Il-Kunsillier Cody Galea qal li hu jaħseb li aktar kemm nuru li l-Kunsill huwa magħqud u x-xogħol isir kolletivament aktar nuru kemm il-Kunsill kollu jaħdem għar-raħal.

27.5.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar il-camera ta' Pjazza San Leonardu u x'kien sar dwarha.

27.5.2.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kellu jiltaqa' mat-*technician* iżda minħabba li fuq il-post tax-xogħol tiegħu kien hemm ħafna każijiet pożittivi għall-Covid-19, kellu jikkanċella l-appuntament. Hu qal li kien ser jagħmel appuntament ieħor meta tikkalma ftit is-sitwazzjoni.

27.5.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li ma kellu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju.

27.5.4 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana qalet li ma kellha xejn x'tikkomunika f'dan l-istadju.

27.5.5 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar l-arma ta' Ħal Kirkop li kellha teħel fir-*roundabout* ta' Triq l-Industrija.

27.5.5.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kien ser jitkellem mal-Perit ta' Infrastracture Malta biex jara kif jista' jiskeda x-xogħol waqt li jkun qed isir ix-xogħol tat-trinka.

27.5.6 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar il-bankina ta' Triq il-Lewżiet u qal li hemm xi partijiet minnha li huma mkissra ħafna.

27.5.6.1 Is-Sindku qal li din it-triq hija waħda mit-toroq li l-Kunsill ippropona biex isiru fit-tielet fażi tax-xogħlijiet li ser isiru minn Infrastructure Malta.

27.5.6.2 Biss jekk hemm partijiet fil-bankina li huma ta' periklu dawn jistgħu jiġu rranġati temporanjament mill-ħaddiema tal-Kunsill.

## 27.6 Rapport tal-Ilmenti

27.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand resident rigward *double yellow line* faċċata ta' garaxx fi Triq Sant' Anġlu fejn informa lill-Kunsill li dan ma kienx hemm iktar bżonnu. Kien hemm qbil unanimu li dan jitneħħa.

27.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill irċieva *email* dwar problema fi sqaq fi Triq l-Industrija minħabba l-wiċċ tat-triq. Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li dan jitnaddaf. Apparti it-tindif, il-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jagħti wiċċ ġdid lill-isqaq biss il-Kunsill kien diġa' ġibed l-attenzjoni ta' Infrastructure Malta dwar l-isqaqien kollha li hawn fir-raba'. Fir-rigward tal-grada tal-għalqa, din għandha tinfetaħ fuq ġewwa u mhux għal fuq it-triq.

27.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bqija tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fis-sistema tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 27.7 Mozzjoni – Xogħol fi Triq San Pietru u Triq Valletta

27.7.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsilliera Cody Galea u John Luke Cassar kienu ressqu mozzjoni dwar ix-xogħol fi Triq San Pietru u Triq Valletta.

27.7.2 Din il-mozzjoni tgħid hekk –
'Huwa evidenti li l-problema li hemm fit-toroq Valletta u San Pietru issa laħqu punt li ma jistax ma jitfassalx pjan ħolistiku u kommess sabiex jittranġaw fi stat li jixirqilhom, u għaldaqstant qiegħda titressaq din il-mozzjoni għall-vot sabiex il-Kunsill formalment u b'mod immedjat jitlob lil entità konċernata u jinforma direttament lil Ministru li tali sitwazzjoni għandha tiġi ratifikata immedjatament. Il-Kunsill għandu jitlob li jiġi ppreżentat sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Marzu 2021 bi pjan speċifiku ta' kif u meta ser jingħataw wiċċ ġdid dawn it-toroq.
Fin-nuqqas ta' qbil u fin-nuqqas ta' dan għandha ssir *press conference* saiex issir il-pressjoni meħtieġa.'

27.7.3 Is-Sindku Terence Agius talab li jressaq emenda għall-mozzjoni imressqa mill-Kunsilliera Cody Galea u John Luke Cassar.

27.7.4 Is-Sindku qara l-emenda għal din il-mozzjoni li tgħid hekk –
'Il-Ħamis 4 ta' Marzu 2021 ġejna infurmati mill-kuntrattur li ser ikun qed jitkompla x-xogħol fit-22 ta' Marzu 202. Huwa evidenti li dik il-ġurnata inżammet u għaldaqstant ilbieraħ tkompla x-xogħol fuq dan il-proġett.
Min-naħa tal-Perit ta' Infrastructure Malta, nhar il-Ħamis 18 ta' Marzu 2021 ikkonferma li l-ewwel fażi hija dik li ssir it-trinka għall-proġett tal-*water culverts*. Filwaqt li x-xogħol ikun għaddej, ser ilestu u jiddiskutu magħna kif l-aħjar isiru l-bankini sabiex ikollna l-aħjar immaniġġjar tat-traffiku.
Għalhekk, ladarba l-kuntrattur għaddej bix-xogħlijiet u min-naħa ta' Infrastructure Malta kommessi li jlestu l-modifikazzjonijiet fil-ħin, ma narax li hemm bżonn ta' konferenza stampa.
Għaldaqstant, nisħaq sabiex il-Kunsill ikompli jaħdem kif qed jagħmel sabiex ix-xogħlijiet meħtieġa jsiru fl-iqsar żmien possibbli mill-awtoritajiet konċernati, kif hemm il-premessa li jsir.
Nagħlaq billi bħala kunsill maqgħud u li dejjem ġbidna ħabel wieħed f'kull problema li nsibu, nibqgħu nagħmlu dan, bil-pressjoni li hemm bżonn mal-entitajiet konċernati u fejn verament ma naslux, nużaw il-mezzi kollha biex insemmgħu leħinna kif għamilna fi problemi simili.'

27.7.5 Il-Kunsillier John Luke Cassar talab biex huma jispjegaw il-mozzjoni tagħhom għax jidher li l-mozzjoni tagħhom ma nfthemitx sew. Hu spjega li l-mozzjoni inkiteb għax id-data meta kellu jitkompla x-xogħol ma nżammitx u ma kienx hemm pjan tal-andament tax-xogħlijiet.

27.7.6 Il-Kunsillier Cody Galea qal li l-mozzjoni inkitbet biex jinġieb pjan fejn il-Kunsill ikollu *timeframes* speċifiċi meta x-xogħol ser jitkompla u jitlesta.

27.7.7 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li jaħseb li din il-mozzjoni kellha tistenna l-laqgħa tal-Kunsill biex toħroġ bi qbil bejn kulħadd.

27.7.8 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li huma kull ma talbu kienu *timeframes* biex il-Kunsill ikollu *way forward*.

27.7.9 Il-Viċi Sindku Joseph Schemrbi qal li jemmen li kienu ġenwini fuq il-mozzjoni imma li kieku stennew il-laqgħa jaħseb li kienet tkun aħjar. L-iktar punt li dejqu kien li setgħu stennew sal-laqgħa u kienu joħorġu front wieħed.

27.7.10 Il-Kunsilliera ddiskutew emendi fil-mozzjonijiet biex tinħareġ mozzjoni waħda bi qbil bejn il-Kunsilliera kollha.

27.7.11 Il-Kunsillier Cody Galea qal li l-unika ħaġa li jridu huma li l-Kunsill ikollu pjan ta' x'se jiġri, *traffic management, parking* u bankini – skeda sħiħa ta' kif se jsiru x-xogħlijiet.

27.7.12 Is-Sindku talab biex jittieħed vot dwar il-mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Cody Galea li kienet issekondata mill-Kunsiller John Luke Cassar, liema mozzjoni m'għaddietx bi tlett voti kontra u tnejn favur.

27.7.13 Is-Sindku Terence Agius qal li r-raġuni għall-vot kontra għal din il-mozzjoni qegħda fl-emenda għall-mozzjoni proposta minnu u ssekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri.

27.7.14 F'dan l-istadju is-Sindku Terence Agius ressaq il-mozzjoni kif moqrija f'minuta 27.7.4, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri.

27.7.15 Is-Sindku talab vot fuq il-mozzjoni mressqa minnu, liema mozzjoni għaddiet bi tlett voti favur u tnejn kontra.

27.7.16 Il-Kunsillier Cody Galea flimkien mal-Kunsillier John Luke Cassar qalu li huma kienu kontra din il-mozzjoni għax jemmnu li hemm bżonn ta' pjan holistiku ta' kif ser isiru x-xogħlijiet, iżda jaqblu u komessi, li kif miktub fl-aħħar paragrafu tal-mozzjoni ppreżentata mis-Sindku Terence Agius, li l-Kunsill kien, għadu u jibqa' magħqud u jiġbed ħabel wieħed f'kull istanza.

27.7.17 Il-Viċi Sindku qal li hu jemmen li l-Kunsill għandu jkun magħqud għax il-ftit diżgwid jidher u meta naħdmu flimkien ħadd ma jgħid xejn. Hu jerġa' jikkonferma li kieku din ġiet diskussa qabel kienet tkun aħjar.

27.7.18 Is-Sindku qal li l-aħħar kumment tiegħu hu li l-pressjoni li l-Kunsill jagħmel bħala Kunsill magħqud jibqa' hemm għax fl-aħħar mill-aħħar kollha għandna għan wieħed.

## 27.8 Librerija Lokali

27.8.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsillier John Luke Cassar u l-Kunsillier Cody Galea flimkien miegħu kienu għamlu żjara fil-librerija biex jaraw x'hemm bżonn biex isir *upgrade*.

27.8.2 Is-Sindku qal li huma tkellmu mal-librara u din minn naħa tagħha infurmathom li l-fan tas-saqaf ma kienx jaħdem u li hemm bżonn jiġi rranġat filwaqt li l-fan tal-istand ma kienx jaħdem lanqas.

27.8.3 Apparti hekk il-Kunsilliera nnutaw li t-tabelli tal-ixkaffar kellhom bżonn jinbidlu u li hemm mejda li fuqha jsiru r-*returns* tal-kotba li wkoll għandha bżonn tinbidel.

27.8.4 Fil-librerija fadal ftit xkaffar li ma kienx inbidel u għaldaqstant wieħed jista' jara l-possibilità li dan jinbidel ukoll.

27.8.5 Hemm ukoll bżonn ta' manutenzjoni fil-ħajt tat-tieqa tal-librerija. F'dan ir-rigward u fir-rigward tal-fan tas-saqaf, is-Segretarju Eżekuttiv kienet diġa infurmat lill-Kap tal-Iskola peress li l-bini li jospita l-librerija huwa tal-iskola.

27.8.6 Minn naħa tal-iskola l-Kunsill ġie infurmat li ser isiru x-xogħolijiet meħtieġa.

27.8.7 Il-Kunsilliera ddiskutew dawn il-bżonnijiet u qablu li jmexxu fuqhom. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 27.9 Restawr tal-Arkata ta' San Ġakbu

27.9.1 Is-Sindku Terence Agius qal dan l-*item* ġie diskuss fil-Komunikazzjoni mis-Sindku, minuta 27.4.6.

## 27.10 Dokument - Sejħa għall-Offerti – Knis tat-Toroq

27.10.1 Minħabba li kien sar ħafna ħin, il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tpoġġi dan l-*item* fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

## 27.11 Dokument - Sejħa għall-Offerti – Tabelli u Sinjali tat-Traffiku

27.11.1 Minħabba li kien sar ħafna ħin, il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tpoġġi dan l-*item* fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

## 27.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

27.12.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 112 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

27.12.2 Is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 112 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 27.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

27.13.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

27.13.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 28 ta' April, 2021 fl-16:00hrs.

27.13.3 Il-laqgħa ntemmet fil-22:58hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 28 ta' April, 2021

**Mozzjoni Ref:** 147/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 25.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Cody Galea | Joseph Schembri |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 23 ta' Marzu, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 148/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 26 (B'Urġenza).

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 23 ta' Marzu, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 149/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jinxtara kompjuter ġdid għas-sistema tal-cameras.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 23 ta' Marzu, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 150/21/9

**Mozzjoni:**

Biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, peress li kienu għaddew it-tlett siegħat.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| John Luke Cassar | Terence Agius |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 23 ta' Marzu, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 151/21/9

**Mozzjoni:**

Huwa evidenti li l-problema li hemm fit-toroq Valletta u San Pietru issa laħqu punt li ma jistax ma jitfassalx pjan ħolistiku u kommess sabiex jittranġaw fi stat li jixirqilhom, u għaldaqstant qiegħda titressaq din il-mozzjoni għall-vot sabiex il-Kunsill formalment u b'mod immedjat jitlob lil entità konċernata u jinforma direttament lil Ministru li tali sitwazzjoni għandha tiġi ratifikata immedjatament. Il-Kunsill għandu jitlob li jiġi ppreżentat sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Marzu 2021 bi pjan speċifiku ta' kif u meta ser jingħataw wiċċ ġdid dawn it-toroq.

Fin-nuqqas ta' qbil u fin-nuqqas ta' dan għandha ssir *press conference* saiex issir il-pressjoni meħtieġa.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Cody Galea | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 16 ta' Marzu, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 152/21/9

**Mozzjoni:**

Il-Ħamis 4 ta' Marzu 2021 ġejna infurmati mill-kuntrattur li ser ikun qed jitkompla x-xogħol fit-22 ta' Marzu 202. Huwa evidenti li dik il-ġurnata inżammet u għaldaqstant ilbieraħ tkompla x-xogħol fuq dan il-proġett.

Min-naħa tal-Perit ta' Infrastructure Malta, nhar il-Ħamis 18 ta' Marzu 2021 ikkonferma li l-ewwel fażi hija dik li ssir it-trinka għall-proġett tal-*water culverts*. Filwaqt li x-xogħol ikun għaddej, ser ilestu u jiddiskutu magħna kif l-aħjar isiru l-bankini sabiex ikollna l-aħjar immaniġġjar tat-traffiku.

Għalhekk, ladarba l-kuntrattur għaddej bix-xogħlijiet u min-naħa ta' Infrastructure Malta kommessi li jlestu l-modifikazzjonijiet fil-ħin, ma narax li hemm bżonn ta' konferenza stampa.

Għaldaqstant, nisħaq sabiex il-Kunsill ikompli jaħdem kif qed jagħmel sabiex ix-xogħlijiet meħtieġa jsiru fl-iqsar żmien possibbli mill-awtoritajiet konċernati, kif hemm il-premessa li jsir.

Nagħlaq billi bħala kunsill maqgħud u li dejjem ġbidna ħabel wieħed f'kull problema li nsibu, nibqgħu nagħmlu dan, bil-pressjoni li hemm bżonn mal-entitajiet konċernati u fejn verament ma naslux, nużaw il-mezzi kollha biex insemmgħu leħinna kif għamilna fi problemi simili.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
Joseph Schembri

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 23 ta' Marzu, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 153/21/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 112.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 23 ta' Marzu, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**